MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1560/1995/1

**Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt**

**Vs**

**The Cargo Handling Co Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta' Ottubru 1995 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi huma impjegati mas-socjeta` konvenuta f' kariga klerikali u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg taghhom huwa regolat minn Ftehim Kollettiv;

Premess li fi hdan is-socjeta` konvenuta hemm impjegati f' karigi klerikali kemm fit-tined u kif ukoll fl-ufficini, imma l-imsemmi Ftehim Kollettiv ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' dawn iz-zewg kategoriji;

Premess li fost id-dmirijiet u mansjonijiet tal-karigi okkupati mill-atturi hemm dik li huma jiehdu sehem f' sistema li s-socjeta` konvenuta ghandha ma' agenti tal-bastimenti li jikkonsisti f' xoghol abbord wara l-hinijiet normali tax-xoghol;

Premess li dan is-sistema jinhadem fuq bazi ta' roster fost dawk l-iskrivani li jkunu hadu sehem fiha u l-konsegwenti qsim ta' rimunerazzjoni ghal dawk li jkunu ppartecipaw;

Premess li l-atturi ilhom jinsistu li jiehdu sehem f' dan ix-xoghol, liema jedd gie rikonoxxut b' Decizjoni finali u inappellabbli tal-Kumitat ta' l-Appelli tas-17 ta' Novembru, 1975 (Dok. "A"), imma s-socjeta` konvenuta sistematikament qeghdha teskludihom milli jippartecipaw mis-sistema imsemmi u qeghdha taghtih biss lill-iskrivani rgiel;

Premess li meta l-atturi gharrfu lis-socjeta` konvenuta specifikatament (Dok. "B") li kien behsiebhom jidhlu fis-sistema minn data partikolari, is-socjeta` konvenuta rrifjutat;

Premess li dan l-agir tas-socjeta` konvenuta huwa ingustifikat, abbusiv u illegali;

Premess li tali agir huwa wkoll illegali minhabba li jiddiskrimina bejn impjegati ta' l-istess socjeta` fuq kriterju tas-sess taghhom, meta l-ligi ma tippermettix dan;

Premess li, minhabba tali agir, l-atturi qeghdin isofru danni u telf finanzjarju sostanzjali;

Premess li, ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi, prevja jekk mehtiega d-dikjarazzjoni li m' hemm l-ebda raguni valida taht il-ligi u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-atturi li ghaliha huma ghandhom jigu hekk imcahhdin, li l-atturi huma intitolati li jinghataw il-jedd taht is-sistema tas-sahra attwalment applikata mis-socjeta` konvenuta bhal kull impjegat iehor ta' l-istess kategorija fis-socjeta` konvenuta;

2. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli unikament ghad-dannu mgarrab mill-atturi minhabba tali rifjut tal-ghoti tal-jedd li jippartecipaw fis-sistema imsemmi;

3. Tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta' perit minnha mahtur, id-danni hekk sofferti mill-atturi; u

4. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta biex thallas l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali ta' l-14 ta' April, 1994 u tat-23 ta' Marzu, 1995, kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fl-10 ta' Jannar 1996 li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament ghandu jigi pprezentat l-allegat Ftehim Kollettiv li ghalih qed issir referenza fic-citazzjoni u dikjarazzjoni attrici;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju mhux integru stante li kwalunkwe ftehim kollettiv gie iffirmat mill-General Workers Union u se mai dritt ta'

azzjoni tispetta lill-istess; di piu` u bla pregudizzju ghall-premess l-irgiel ta' l-atturi ma gewx imdahhla fil-kawza;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li in effetti hemm differenza f' karigi klerikali kemm fit-tined u kemm fl-ufficini, u anke ghal dawk fl-ufficini bejniethom, apparti impjegati ohra mhux klerikali, kif dejjem kien hemm, kemm mill-prassi, kif ukoll skond kwalunkwe ftehim kollettiv allegat, kif jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan japplika in partikolari wkoll ghall-impjegati ta' l-Accounts Department;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li huwa, jew qatt kienet "mansjoni tal-kariga ta' l-atturi li jiehdu sehem f' xoghol abbord wara l-hinijiet normali tax-xoghol". Tant huwa minnu dan, li tali xoghol abbord isir kemm waqt il-hinijiet normali tax-xoghol, li fih il-kategorija ta' impjegati attrici qatt ma ppartecipiet fih, (anke ghaliex tali xoghol ma huwiex kompatibbli max-xoghol u orarju ta' l-atturi) kif ukoll dak wara l-hin normali. Il-prassi u r-raguni dejjem iddettat li x-xoghol abbord, fi kwalunkwe hin isir mill-istess nies, ghar-ragunijiet ta' efficenza u organizzazzjoni serja tal-kumpanija;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess, dak kontenut fir-raba' paragrafu tac-citazzjoni huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li bejn l-impjegati stess, u bl-approvazzjoni ta' l-Union, rapprezentata mill-istess impjegati, tali roster jinqasam bejn l-iskrivani tat-tinda li jaghmlu x-xoghol abbord fil-hinijiet normali tax-xoghol, u dan jintitolahom sabiex jaghmlu l-istess xoghol wara l-hinijiet normali;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-opinjoni espressa mill-kumitat ta' l-Appelli hija *res inter alios acta* fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u ma ghandha ebda effett legali fil-konfront ta' l-istess; illi di piu` l-atturi nnifishom irrinunzjaw ghal kwalunkwe effett li seta' kellhom, tant li fl-ebda hin qatt ma ppartecipaw f' xoghol abbord, stante li fl-ingagg taghhom tali xoghol ma kienx parti mill-mansjonijiet taghhom. Di piu` u bla pregudizzju

ghall-premess, b' effett ta' tali opinjoni huwa preskritt u sorpassat legalment u mhux rikonoxxut lanqas a bazi tal-ftehim kollettiv allegat mill-atturi;

7. Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, dak kontenut fis-sitt u s-seba' paragrafu tac-citazzjoni attrici huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li s-socjeta` konvenuta dejjem agixxiet skond il-ftehim kollettiv u l-prassi u l-organizzazzjoni tax-xoghol ghall-gid ta' l-impjegati kollha u t-tmexxija serja u professjonali ta' l-operazzjonijiet ta' l-istess socjeta`. Di fatti l-kontestazzjoni odjerna ma hijiex diretta bejn is-socjeta` attrici izda bejn impjegati nnifishom ta' l-istess Union;

8. Illi fit-tmien lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta ma hija responsabbli ghall-ebda danni, stante li dritt ta' l-atturi kif allegat huwa inezistenti, anke ghaliex *inter alia* ma jirrizultax mill-Ftehim Kollettiv, u di piu` l-mansjonijiet ta' l-atturi qatt ma inkludew xoghol abbord fi kwalunkwe hin;

9. Illi di piu` l-azzjoni attrici hija wkoll preskritta;

10. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi stante li wkoll tezisti sistema ta' xoghol u sahra ghall-kategoriji differenti ghall-impjegati kollha tas-socjeta` konvenuta kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tas-26 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat is-Sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-3 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha gew akkolti l-ewwel zewg talbiet attrici, u gie sospiz il-pronunzjament dwar it-tielet u r-raba' talbiet biex il-kontendenti jinghataw l-opportunita` jilhqu ftehim sodisfacenti barra mill-Qorti dwar il-kwantum tad-danni, u peress ukoll li l-Qorti kien jehtigilha tisma' aktar provi fir-rigward; bl-ispejjez riferibbilment ghall-ewwel zewg talbiet kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat il-verbal ta' l-24 ta' Gunju 2004 tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana sabiex tressqu l-provi dwar il-kwestjoni tal-kwantum;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din is-sentenza hi l-konsegwenza ta' dik l-ohra pronunzjata fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn fiha gie dikjarat li s-socjeta` konvenuta kellha twiegeb ghat-telf subit mill-atturi talli dawn gew imcahhda mill-jedd li jippartecipaw fis-sistema ta' rotazzjoni tas-sahra u tal-qligh bhall-impjegati rgiel fl-istess kategorija. F' dik l-istess decizjoni din il-Qorti kienet tat lill-kontendenti l-opportunita` li jilhqu ftehim sodisfacenti dwar il-kwantum tad-danni. Sfortunatament, dak awspikat mill-Qorti ma sabx riskontru favorevoli mill-partijiet;

Indubbjament, il-metodu tal-valutazzjoni tad-danni jikkostitwixxi *ab origine* wiehed mill-problemi l-aktar spinuzi. Dan anke ghaliex wiehed mhux dejjem isib dak il-kriterju idoneu ghall-iskop ta' adozzjoni u ta' uniformita`. Kollox jiddependi mill-pekuljaritajiet tal-kaz konkret. Naturalment f' sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta hi dejjem

rakkomandabbli certa kawtela fil-mument tal-likwidazzjoni biex jigi possibilment evitat pregudizzju lill-parti l-wahda jew onerozita zejda lill-parti l-ohra. Ghandu pero` dejjem jinzamm in mira, u fil-perspettiva sana, illi l-funzjoni primarja tar-rizarciment hi dik tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr tal-qaghda *ante quo* il-fatt leziv tal-dritt;

Insibu delinjat fil-Kodici Civili l-kriterji ghall-individwazzjoni tad-dannu rizarcibbli u tad-diversi forom ta' rizarciment. Hekk, per ezempju, l-Artikolu 1135 jistabbilixxi li "id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b' mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qligh li jkun gie mtellef". Jissokta jsegwi illi f' kaz ta' danni *ex culpa* ir-responsabilita` hi limitata ghal dawk id-danni li setghu jkunu prevedibbli mid-debitur (Artikolu 1136; **Kollez. Vol. XXIX P I p 927**). Invece, f' kaz ta' ghemil doluz jidhlu biss dawk id-danni kif fuq precizati li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1137; **Kollez. Vol. XXV P I p 653**);

Mis-suespost jitnissel li kull konsegwenza patrimonjali negattiva trid tigi kalkolata skond parametri objettivi. In kwantu l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili jsemmi kemm it-telf subit kif ukoll il-qligh li jkun gie mtellef wiehed jifhem li n-norma hi mahsuba bhala espressjoni tal-principju tar-rizarciment mill-konsegwenzi kollha patrimonjali negattivi tal-lezjoni ghat-titolari tad-dritt. Tali principju "*compensatio lucri cum danno*" jinnecessita` rabta ma' l-antecedenti li jkunu taw lok ghad-dannu. Dan ghall-fini tan-ness ta' kawzalita`. Huwa mbaghad daqstant iehor logiku u gust illi ghandhom dejjem jittiehdu in konsiderazzjoni l-fattezzi tal-kaz partikolari. *Inter alia*, f' dan il-kaz, il-fatt li l-atturi ma hadmux l-*overtime* li dwaru t-telf tieghu qed jitolbu rizarciment. Hekk ukoll wiehed ghandu jaghti qies tat-telf ta' interessi u ta' xi sopravvenuta zvalutazzjoni monetarja daqskemm ukoll wiehed ghandu jikkonsidra l-fatt ta' l-adempiment in forma specifika fejn l-kumpanija konvenuta ddecidiet li tirrettifika l-qaghda pregudizzjevoli ghall-atturi;

Dan premess, huwa pacifikament stabbilit illi l-prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih. Jinkombi ghalhekk lill-atturi f' dan l-kaz li jaghtu prova ta' l-effettiva ezistenza tad-dannu;

Skond it-tabella a fol. 59 annessa ma' l-affidavit ta' l-attrici Margaret Cammilleri, l-atturi jfornu indikazzjoni x' qalghu l-impjegati rgiel, ras ghal ras, fil-perjodu specifikat fl-istess tabella. Hekk nsibu li fi dhul percepit minn sahra dawk l-impjegati qalghu bejn wiehed u iehor elfejn u hames mitt lira fl-1993, tlett elef lira fl-1994 u tlett elef u mitejn lira fl-1995. Invece l-kumpanija konvenuta tapplika bhala bazi ghall-kumpens rata ta' tletin lira fix-xahar. Rata din minnha adoperata fuq l-assunt li din kienet giet accettata mill-impjegati ta' l-Accounts Department biex ipatti ghall-fatt illi huma ma nghatawx xoghol ta' *overtime* fix-*sheds* tal-kumpanija. Ara deposizzjoni ta' Enrico Overend prodott mis-socjeta` konvenuta (seduta, 24 ta' Gunju 2004). Ta' min jirrileva wkoll illi dan l-istess xhud ma naqasx milli jikkonferma in kontro-ezami illi kieku l-atturi thallew jahdmu l-*overtime* d-dhul taghhom kien ikun bil-bosta superjuri mill-korrispettiv moghti lilhom bhala kumpens;

In vista tad-divergenza ta' veduti mill-kontendenti fuq il-materja, kombacjat ukoll ma' l-aspetti aktar 'il fuq accennati, ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza ta' l-entita` tat-telf. Jew ghallanqas jista' jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikoltajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-Artikolu 1135 fuq riferit;

Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV P III p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*";

Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f' dawn il-kazi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji ta' l-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur*. Ara f' dan is-sens u fuq dan il-punt id-decizjoni riportata a **Vol. XXIX P I p 1285**;

Konsiderati l-aspetti kollha attendibbli f' dan il-kaz din il-Qorti ma thossx li tista' tilqa' la s-suggerimenti ta' l-atturi u lanqas l-argomenti u s-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta. Dan mhux biss ghaliex kieku kellha tilqa' in pjeno s-suggerimenti ta' l-atturi, dawn jkunu effettivament ser jigu rizarciti ta' xoghol li ma ghamlux izda wkoll ghaliex id-danni konsegwiti ghandhom ragonevolment ikunu sew mizurati fl-ambitu specifiku tal-fatt kolpevoli u tal-lezjoni. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax, u ma ghandhiex, taccetta argomenti li, distillati, iwasslu ghal riduzzjoni illogika tar-rizarciment;

Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li hu ekwitattiv ta' l-entita` tad-danni illi tadotta r-regola ta' "*in media stat virtus*" b' mod li min-naha tistabbilixxi r-rizarciment gust u min-naha l-ohra tevita r-rizarciment gravuz;

Hi l-fehma tal-Qorti illi tenut rigward ta' l-argomenti kollha, favur jew kontra, sottomessi mill-kontendenti fid-dibattitu orali, ir-rata ta' elf lira (Lm1000) fis-sena lil kull wahda mill-atturi u ghal kull sena li fiha l-atturi ma thallewx jahdmu *overtime* ghandha sservi bhala bazi ekwa tal-kompensazzjoni ghat-telf subit u tal-qligh imtellef. Mehud in konsiderazzjoni l-perijodu stabbilit mir-rizultanzi istruttorji, dan ifisser illi ghal kull wahda mill-atturi huwa dovut mis-socjeta` konvenuta f' kompensazzjoni s-somma ta' tmint elef lira (Lm8000). Dan ghall-perijodu shih li jidher maqbul, u cjoe, bejn l-20 ta' Awissu 1992, data li fiha ttiehdet id-decizjoni mill-Appeals Board tal-Union u l-20 ta' Gunju 2000, data li fiha l-atturi gew ammessi jippartecipaw fis-sahra fit-tined.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi it-tielet talba billi tillikwida d-danni spettanti lit-tliet atturi fis-somma ta' tmint elef lira Maltija (Lm8000) kull wahda minnhom. Konsegwentement filwaqt li tilqa' r-raba' domanda tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil kull wahda mill-atturi s-somma hekk likwidata ta' tmint elef lira (Lm8000) in linea ta' danni;

L-ispejjez gudizzjarji fir-rigward ta' dawn it-talbiet jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------